ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 305 E
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti | Informazzjoni u Avviżi | Volum 53
11 ta' Novembru 2010

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2009-2010

Dati tas-seduti: 20 u 21 ta' Jannar 2010

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 104 E, 23.4.2010.

TESTI ADOTTATI

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

2010/C 305 E/01 It-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ("il-Ftehim Cotonou")

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 dwar it-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ("il-Ftehim Cotonou") (2009/2165(INI)) . . . 1

**Il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010**

2010/C 305 E/02 L-Attakki riċenti kontra komunitajiet Insara fl-Eġittu u fil-Malasja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar l-attakki reċenti kontra komunitajiet Insara . . . 7

2010/C 305 E/03 Ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-każ ta' Liu Xiaobao

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-każ ta' Liu Xiaobao . . . 9

2010/C 305 E/04 Il-Filippini

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar il-Filippini . . . 11

2010/C 305 E/05 Strateġija Ewropea għar-reġjun ta' Danubju

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar l-istrateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju 14

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

2010/C 305 E/06 Elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 li taħtar l-Ombudsman Ewropew ..................... 19

ANNESS ..................... 20

2010/C 305 E/07 Proposta dwar il-ħatra ta' membru tal-panel inkarigat mill-ħatra tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 li tipproponi l-ħatra ta' Ana Palacio Vallelersundi fil-kumitat skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (2009/2210(INS)) ..................... 21

III *Atti preparatorji*

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

2010/C 305 E/08 Id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores (COM(2009)0370 – C7-0222/2009 – 2009/0125(CNS)) 22

MT

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## It-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ("il-Ftehim Cotonou")

P7_TA(2010)0004

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 dwar it-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ("il-Ftehim Cotonou") (2009/2165(INI))**

(2010/C 305 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 208 sa 211 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]) u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, kif emendat l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE ([2]) (minn issa 'l quddiem, "il-Ftehim ta' Cotonou"),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 95 tal-Ftehim ta' Cotonou, li jipprevedi klawsola ta' reviżjoni li tippermetti li l-Ftehim jiġi adattat kull ħames snin,

— wara li kkunsidra l-ittra ta' notifika tal-Kunsill lill-President tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP, adottata fil-laqgħa tat-23 ta' Frar 2009 tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Pariġi tat-2 ta' Marzu 2005 dwar l-Effikaċja tal-Ghajnuna, li l-għan tagħha hu li tippromwovi mudell biex jittejbu t-trasparenza u l-monitoraġġ tar-riżorsi għall-iżvilupp,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 90(5) u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0086/2009),

A. billi l-objettivi primarji tal-Ftehim ta' Cotonou huma l-eradikazzjoni tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni progressiva tal-pajjiżi tal-AKP fl-ekonomija dinjija,

B. billi sa minn meta saret l-aħħar reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou fl-2005 ġraw diversi tibdiliet fix-xena internazzjonali - bħaż-żieda kbira fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija, kriżi finanzjarja bla preċedent, konsegwenzi tal-bidla fil-klima - li għandhom l-aktar riperkussjonijiet serji fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 247, 9.9.2006, p. 22.

C. billi dawn l-iżviluppi ġodda kollha fl-ambjent dinji, jekk ma jiġux indirizzati kif jixraq, jissograw li jdgħajfu l-objettivi tal-Ftehim ta' Cotonou u jċekknu l-prospetti tal-kisba tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) sal-2015,

D. billi l-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) reġjonali dgħajfu l-koeżjoni tal-Grupp tal-AKP u l-proċess kurrenti tal-integrazzjoni reġjonali; billi jeħtieġ li tinżamm l-għaqda u l-koerenza tal-Grupp tal-AKP u l-istabilità tal-istituzzjonijiet tal-AKP-KE,

E. billi t-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou hija okkażjoni f'waqtha ħafna biex jiġu aġġustati d-dispożizzjonijiet tiegħu fid-dawl tar-realtajiet li għadna kemm semmejna; billi, madankollu, ħafna minn dawn il-kwistjonijiet jissemmew ftit biss fil-mandat ta' reviżjoni tal-Ftehim,

F. billi l-oqsma magħżula għal reviżjoni min-naħa tal-UE jew tal-Grupp tal-AKP jinkludu, inter alia:

— dimensjoni reġjonali;

— dimensjoni politika, inkluża l-migrazzjoni u l-governanza tajba fil-qasam fiskali;

— dimensjoni istituzzjonali;

— il-promozzjoni tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp u l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp;

— assistenza umanitarja u ta' emerġenza, inkluża kjarifika dwar il-proċeduri applikati f'sitwazzjonijiet ta' kriżi;

— programmar u implimentazzjoni tal-għajnuna, inkluż il-programmar tal-pakkett intra-AKP;

— il-bidla fil-klima u s-sigurtà tal-ikel bħala kwistjonijiet interrelatati (magħżula mill-Grupp tal-AKP),

G. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona qiegħed ibiddel l-arkitettura istituzzjonali tal-UE u l-bilanċ intern tagħha mil-lat ta' teħid ta' deċiżjonijiet,

1. Iqis li t-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou għandha tkun okkażjoni biex dan jiġi aġġustat fid-dawl tal-kriżijiet riċenti u attwali, inkluża l-bidla fil-klima, iż-żieda fenomenali fil-prezzijiet tal-ikel u taż-żejt, il-kriżi finanzjarja u l-faqar estrem fl-Afrika; jemmen li l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi primarji ta' dawn il-kriżijiet mhix għażla, iżda neċessità;

2. Jiddeplora l-fatt li l-Parlament Ewropew, l-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE (JPA) u l-parlamenti nazzjonali tal-Istati tal-AKP kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-parteċipanti mhux statali, għal darba oħra, ma ġewx involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li wassal għall-identifikazzjoni ta' oqsma u artikoli tal-Ftehim ta' Cotonou li għandhom jiġu riveduti u għat-twaqqif tal-mandati ta' negozjar adottati mill-Kunsill tal-UE u mill-Kunsill tal-Ministri tal-AKP;

3. Iħeġġeġ titjib fir-rwol li għandhom il-parlamenti nazzjonali fil-proċess ta' reviżjoni li għaddej bħalissa u reviżjonijiet ulterjuri sabiex titjieb il-leġittimità u s-sjieda demokratika;

4. Jenfasizza li din l-ommissjoni teffettwa t-trasparenza u l-kredibilità tal-proċess ta' reviżjoni u tkompli tbiegħed lill-popolazzjonijiet tal-UE u tal-AKP mill-gvernijiet u mill-istituzzjonijiet tagħhom;

5. Jenfasizza li huwa importanti li l-pajjiżi tal-AKP jitqiesu bħala sħab indaqs fin-negozjati mal-UE, sabiex jiġi stabbilit Ftehim ta' Sħubija ġenwin;

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

6. Jenfasizza l-ħtieġa ta' konsolidazzjoni tad-dimensjoni politika tal-Ftehim ta' Cotonou, b'mod partikolari rigward l-impenn tal-partijiet li jimplimentaw l-obbligi li jirriżultaw mill-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

7. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-UE u lill-Kunsill tal-AKP biex iqisu l-prinċipji u r-riżultati tal-Inizjattiva Internazzjonali tat-Trasparenza tal-Għajnuna;

8. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-UE u lill-Kunsill tal-AKP biex jikkonsultaw b'mod effettiv lill-parteċipanti mhux statali fix-xhur ta' qabel l-iffirmar tal-Ftehim ta' Cotonou Rivedut u biex jiżguraw li l-fehmiet tagħhom jitqiesu; jistieden lill-awtoritajiet tal-UE u tal-AKP biex iniedu dibattitu dwar il-ġejjieni tar-relazzjonijiet AKP-UE ta' wara l-2010 u biex jinvolvu parteċipanti mhux statali fil-proċess;

9. Iqis li l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, b'mod partikolari bejn il-politiki tal-kummerċ, tal-iżvilupp, tal-agrikultura u tas-sajd, għandha tkun il-prinċipju gwida tal-koperazzjoni għall-iżvilupp li twettaq l-UE, u li trid tiġi ttrattata fil-Ftehim rivedut; iħeġġeġ lill-Assemblea Parlamentari Konġunta biex tuża iktar l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Cotonou sabiex tinżamm il-konsistenza bejn il-politiki tal-UE u tal-pajjiżi tal-AKP;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fir-rigward tal-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Cotonou, tinnotifika b'mod sistematiku lis-Segretarjat tal-Istati tal-AKP u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE dwar kwalunkwe miżura Ewropea li tista' teffettwa l-interessi tal-Istati tal-AKP; f'din il-perspettiva, jistieden lill-Kummissjoni biex tuża aħjar il-konsultazzjonijiet ta' bejn is-servizzi bejn id-Direttorati Ġenerali tagħha, kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-politiki li jistgħu jtejbu l-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp;

11. Iqis li jeħtieġ, l-ewwel nett fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika għal ċerti pajjiżi biss tal-AKP, u t-tieni nett fid-dawl tal-fatt li diversi dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Ftehim ta' Cotonou skadew, li tiġi riveduta l-parti tal-ftehim AKP-UE li tikkonċerna ftehimiet kummerċjali sabiex ikunu inkorporati d-dispożizzjonijiet dwar l-arranġamenti kummerċjali eżistenti kollha tal-AKP-UE (Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SPG), SPG plus, il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika interim, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi tal-Cariforum) u li jkun żgurat li jinżammu diversi prinċipji u impenji li m'għandhomx jintilfu mill-ftehim, bħal:

— il-konsistenza bejn, fuq in-naħa l-waħda, l-oqfsa kummerċjali kollha li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi tal-AKP u tal-UE, u, min-naħa l-oħra, l-għanijiet tal-iżvilupp li jinsabu fil-qalba tal-koperazzjoni AKP-UE,

— il-garanzija li l-pajjiżi kollha tal-AKP igawdu minn qafas kummerċjali li jkun mill-inqas ekwivalenti għas-sitwazzjoni tagħhom ta' qabel, b'mod partikulari għall-pajjiżi li mhumiex fost il-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u li ma ffirmawx Ftehim ta' Sħubija Ekonomika,

— il-garanzija li, għall-pajjiżi kollha tal-AKP, il-qafas kummerċjali l-ġdid iqis is-setturi sensittivi, partikolarment l-agrikultura ta' sussistenza, fid-definizzjoni tal-perjodi ta' tranżizzjoni u l-kopertura finali tal-prodotti, u li jippermetti titjib fl-aċċess tas-suq li jgawdu minnu l-pajjiżi tal-AKP, partikolarment permezz ta' reviżjoni tar-regoli ta' oriġini;

12. Jinnota li fl-ittri ta' notifika tagħhom, il-partijiet tal-Ftehim ta' Cotonou jistaqsu b'mod espliċitu li ssir reviżjoni tad-dispożizzjonijiet kummerċjali; jinnota li hemm bżonn li jiżdiedu dispożizzjonijiet ġodda f'oqsma ġodda, bħal Għajnuna għall-Kummerċ, sabiex tiġi garantita d-dimensjoni tal-iżvilupp fl-oqsma kummerċjali tal-Ftehim;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon it-talba li saret mill-pajjiżi tal-AKP għad-dispożizzjonijiet il-ġodda li jikkonċernaw il-koperazzjoni fl-oqsma li ġejjin: il-kummerċ u l-iżvilupp, il-kummerċ u l-finanzi, il-kummerċ ġust u jinnota t-talba tagħhom dwar il-kummerċ tal-armi;

14. Jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)sabiex jirrevedi l-politika tiegħu dwar ċentri finanzjarji offshore fuq il-bażi ta' kriterji aktar stretti minn dawk tal-lista tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) għad-definizzjoni ta' ġurisdizzjonijiet projbiti u sorveljati, u sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tagħhom u jipprovdi rapporti annwali dwar il-progress;

**L-Erbgħa, 20 ta’ Jannar 2010**

15. Iqis li bidliet strutturali fl-istruttura organizzattiva u ta’ governanza tal-BEI huma meħtieġa biex ikun żgurat li jiġu sodisfatti l-obbligi tiegħu rigward l-iżvilupp fil-kuntest tar-reviżjoni attwali tal-Ftehim ta’ Cotonou u r-reviżjoni ta’ nofs il-perjodu li qed issir bħalissa u t-tiġdid tal-mandat ta’ self estern tal-BEI;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-AKP biex jinkludu l-ġlieda kontra l-abbużi ta’ kenn fiskali, evażjoni tat-taxxi u l-ħarba illeċita tal-kapital bħala kwistjoni ta’ prijorità fil-Ftehim ta’ Cotonou; għaldaqstant jitlob li jkun hemm mekkaniżmu vinkolanti, li jġiegħel lill-korporazzjonijiet transnazzjonali kollha li jiżvelaw b’mod awtomatiku l-profitti magħmula u t-taxxi mħallsa f’kull pajjiż fejn joperaw;

17. Jistieden lin-negozjaturi biex jindirizzaw l-aspett tal-iżvilupp relatat mat-taxxa u biex jistabbilixxu sistemi ta’ taxxa effettivi u vijabbli fil-pajjiżi tal-AKP, sabiex ikun żgurat sors sostenibbli ta’ finanzjament għall-iżvilupp bl-objettiv li, fuq medda twila ta’ żmien, dan jissostitwixxi d-dipendenza mill-għajnuna barranija; f’dan ir-rigward jistieden lin-negozjaturi sabiex jinkludu l-prinċipju tal-governanza fiskali tajba fl-Artikolu 9.3 tal-Ftehim AKP-UE dwar il-ġestjoni pubblika tajba;

18. Minħabba li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) huwa r-riżorsa finanzjarja ewlenija għall-finanzjament tal-politika ta’ koperazzjoni għall-iżvilupp skont il-Ftehim ta’ Cotonou, jitlob li dan jiġi inkluż fil-poteri baġitarji tal-Parlament Ewropew sabiex ikun jista’ jsir kontroll demokratiku aktar strett;

19. Jitlob li titħejja arkitettura finanzjarja dinjija ġdida, li jsir qbil dwarha, li tkun tippermetti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jiġu rappreżentati permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali rispettivi tagħhom u li jindirizzaw it-tħassib leġittimu tagħhom dwar l-iżvilupp sostenibbli bbażat fuq il-qagħda speċifika tagħhom;

20. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-mikrokreditu għall-faċilitazzjoni tal-investiment u l-iżvilupp tan-negozji żgħar;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet tal-AKP biex jindirizzaw il-kawżi strutturali tal-bidla fil-klima billi jħejju evalwazzjoni awtomatika tar-riskji tal-bidla fil-klima fl-istrateġiji u l-pjanijiet għall-iżvilupp nazzjonali u fid-dokumenti ta’ strateġija tal-pajjiżi u dawk reġjonali;

22. Jemmen li l-enerġija li tiġġedded hija vitali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi tal-AKP, minħabba li għandhom riżorsi konsiderevoli ta’ enerġija li tiġġedded (enerġija mix-xemx, mir-riħ, enerġija ġeo-termali u l-bijomassa); iħeġġeġ lin-negozjaturi biex jagħtu attenzjoni partikolari lit-tnaqqis tad-dipendenza tal-pajjiżi tal-AKP mill-fjuwils fossili u lit-tnaqqis tal-vulnerabilità tagħhom għal żidiet fil-prezzijiet, billi tingħata prijorità lill-enerġija li tiġġedded fil-Ftehim ta’ Cotonou;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi tal-AKP biex jippromwovu l-iżvilupp ekwitabbli u sostenibbli li jinkorpora d-dimensjoni soċjali, permezz ta’ appoġġ għal forom ġodda ta’ intrapriża, inklużi l-intrapriżi bla skop ta’ lukru u/jew negozji stabbiliti bl-għajnuna ta’ programmi ta’ mikrokreditu skont prinċipji etiċi u ekonomiċi, bħal fil-mudelli soċjali tal-ekonomija tas-suq;

24. Jiddeplora l-fatt li minkejja li l-maġġoranza tal-popolazzjoni tal-pajjiżi tal-AKP tgħix f’żoni rurali u li l-ġlieda kontra l-faqar hi għan primarju tal-Ftehim ta’ Cotonou, is-settur tal-agrikultura ma jingħatax importanza fil-koperazzjoni AKP-UE;

25. Jistieden lill-Kummissjoni, meta timplimenta l-politika tal-iżvilupp tal-UE, biex tindirizza it-tħassib dwar is-sigurtà tal-ikel b’mod konsistenti u koerenti, sabiex tagħti aktar importanza lis-sigurtà tal-ikel fid-djalogi dwar il-politiki nazzjonali u reġjonali ta’ żvilupp, u sabiex tippromwovi l-iżvilupp ta’ swieq agrikoli reġjonali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

26. Iħeġġeġ lill-pajjiżi tal-AKP u lill-Kummissjoni biex jiffukaw fuq l-iżvilupp fl-agrikultura biex jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u jitlob li l-agrikultura u l-iżvilupp rurali jsiru kwistjonijiet prijoritarji fil-Ftehim u fid-dokumenti ta’ strateġija tal-pajjiżi u dawk reġjonali; jenfasizza li l-bdiewa tal-AKP jeħtieġu appoġġ u pagi deċenti biex jipproduċu għas-swieq lokali u li jeħtieġu infrastrutturi li jistgħu jirfdu l-kummerċ u ċ-ċaqliq tal-prodotti;

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

27. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkonsulta b'mod regolari u tinvolvi b'mod effettiv lill-organizzazzjonijiet tan-nisa u tal-konsumaturi fil-politika agrikola; iqis li l-assoċjazzjonijiet tan-nisa għandhom jiġu involuti b'mod attiv fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fid-dawl tar-rwol ta' pern li għandhom fis-soċjetà;

28. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-akkwist attwali ta' art agrikulturali (partikolarment fl-Afrika) minn investituri barranin appoġġjati mill-gvern, li, jekk ma jsirx sew, jipperikola s-sigurtà tal-ikel fuq livell lokali u jwassal għal konsegwenzi serji u b'firxa kbira fl-istati tal-AKP;

29. Iħeġġeġ lin-negozjaturi biex jevitaw l-impatti negattivi tal-akkwist ta' art agrikola (bħall-esproprjazzjoni ta' bdiewa żgħar u l-użu mhux sostenibbli tal-art u tal-ilma) billi jirrikonoxxu d-dritttal-poplu li jkun sid tal-art agrikola tar-riżorsi naturali vitali oħra u billi jadottaw prinċipji gwida f'dan is-sens;

30. Iħeġġeġ lill-pajjiżi tal-AKP biex jistabbilixxu politiki bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, l-iżvilupp ekonomiku sod u x-xogħol deċenti, sabiex jikkumbattu l-ħarba talimħuħ u jippermettu lill-pajjiżi tal-AKP li jużaw lill-ħaddiema mħarrġa tagħhom għall-iżvilupp tagħhom stess;

31. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-pajjiżi tal-AKP biex fl-Artikolu 13 tal-Ftehim AKP-UE dwar il-migrazzjoni, jinkludu l-prinċipju tal-migrazzjoni ċirkulari u l-faċilitazzjoni tagħha permezz tal-għoti ta' viżi ċirkulari; jenfasizza li l-artikolu msemmi jinsisti dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u dwar it-trattament indaqs ta' ċittadini tal-pajjiżi AKP, iżda li l-ambitu ta' dawn il-prinċipji jinsab serjament ipperikolat minħabba l-ftehimiet bilaterali ta' riammissjoni konklużi mal-pajjiżi ta' tranżitu f'kuntest fejn l-Ewropa testernalizza l-ġestjoni tal-migrazzjoni, ftehimiet li ma jiggarantixxux li d-drittijiet tal-migranti jiġu rispettati u li jistgħu jwasslu għal "kaskata" ta' riammissjonijiet li jipperikolaw is-sigurtà u l-ħajja tagħhom;

32. Jitlob lin-negozjaturi biex isaħħu l-prinċipju tal-klawsoli mhux negozzjabbli tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sanzjonijiet fuq min jonqos li jirrispetta dawn il-klawsoli, inter alia fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali u dik fuq nies li għandhom l-HIV/AIDS;

33. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-għadd limitat ta' faċilitajiet eżistenti li jistgħu joffru kura medika speċjalizzata, minkejja l-għadd dejjem jikber kemm ta' emerġenzi u kemm ta' mard kroniku li jolqot lin-nies; jenfasizza li l-infrastruttura medika u s-sistemi tas-saħħa pubblika jeħtieġ li jingħataw spinta permezz ta' strateġiji ta' żvilupp;

34. Ifakkar li l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika tal-AKP li jipprovdu assistenza tas-saħħa lill-popolazzjoni u lil vittmi li jkunu qed jirkupraw wara kriżi umanitarja, kunflitt jew perjodu ta' wara kunflitt, jew diżastri naturali, hi wieħed mid-doveri prinċipali tagħhom u ta' tħassib permanenti u immedjat u għandha tiġi promossa permezz tal-koperazzjoni AKP-UE;

35. Jesprimi tħassib li r-reġjonalizzazzjoni ikbar tar-relazzjonijiet AKP-UE tista' tirrappreżenta theddida għall-koerenza u s-saħħa tal-Grupp AKP u tista' xxekkel il-funzjonament tal-istituzzjonijiet konġunti tal-AKP-UE taħt il-Ftehim tal-Cotonou;

36. Jikkunsidra li t-tieni reviżjoni għandha taġġorna wkoll it-test tal-Ftehim biex l-istituzzjonijiet il-ġodda tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika jiġu riflessi b'mod espliċitu (pereżempju l-Kunsilli Konġunti tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, il-Kumitati għall-Kummerċ u l-Iżvilupp u l-Kumitati Parlamentari) u biex jiġu żgurati sinerġiji u kumplimentarjetà mal-istituzzjonijiet tal-Cotonou;

37. Jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni parlamentari tal-Ftehim ta' Cotonou, inkorporata fl-Assemblea Parlamentari Konġunta (JPA) AKP-UE; jesprimi l-impenn sod tiegħu li l-Assemblea Parlamentari Konġunta twettaq ir-rwol sħiħ tagħha li tiżgura parteċipazzjoni parlamentari fl-azzjonijiet u fil-proċessi tal-Ftehim ta' Cotonou; jenfasizza l-oppożizzjoni implakabbli tiegħu għal kull tentattiv li jitnaqqas ir-rwol tal-Assemblea Parlamentari Konġunta, b'mod partikulari bi proposti li jolqtu l-metodi ta' ħidma u l-frekwenza tal-laqgħat tagħha, li għandhom jitħallew f'idejn l-Assemblea Parlamentari Konġunta;

38. Jitlob, bl-għan li tissaħħaħ in-natura parlamentari, rappreżentattiva u demokratika tal-Assemblea Parlamentari Konġunta, li fil-ġejjieni l-pajjiżi kollha tal-AKP jiġu rappreżentati b'mod effettiv fi ħdan l-Assemblea permezz ta' membri parlamentari, u mhux minn rappreżentanti tal-gvernijiet bħalma jiġri xi drabi, u għaldaqstant li jiġi rivedut f'dan is-sens l-Artikolu 17 tal-Ftehim AKP-UE;

39. Jemmen bis-sħiħ fis-sehem ewlieni li jista' jkollhom il-parlamenti nazzjonali tal-AKP f'azzjonijiet ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, inkluż il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni; jitlob li r-reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou tagħti rikonoxximent formali lil dawn il-parlamenti bħala parteċipanti fil-koperazzjoni ffinanzjata mill-EDF;

40. Jitlob għat-tisħiħ u t-titjib tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, u jinsisti li jsiru dispożizzjonijiet fil-Ftehim ta' Cotonou li jippermettu lill-Assemblea Parlamentari Konġunta u lill-parlamenti tal-AKP li jagħmlu skrutinju tad-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi u dawk reġjonali, il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika AKP-KE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; jitlob li tinħoloq sinerġija ġenwina bejn, fuq in-naħa l-waħda, il-kumitati parlamentari l-ġodda li nħolqu permezz tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika u, fuq in-naħa l-oħra, l-Assemblea Parlamentari Konġunta;

41. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sinerġiji ġejjiena bejn il-Kumitati Parlamentari li ġew stabbiliti mill-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika u l-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE, permezz ta' preżentazzjonijiet mill-President u r-Rapporteurs kif ukoll parteċipazzjoni mill-membri tal-Kumitati Parlamentari tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika fl-Assemblea Parlamentari Konġunta u l-organizzazzjoni ta' laqgħat paralleli meta jkun possibbli, eċċ., li kollha jżidu mal-għarfien espert tal-Assemblea Parlamentari Konġunta u jagħtu lok għal tisħiħ fl-iskambji u l-koperazzjoni;

42. Ifakkar mill-ġdid li l-ħolqien tal-Kumitati Parlamentari stabbiliti mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika sar fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew biex jiżgura involviment adegwat min-naħa tal-Membri tal-Parlament speċjalizzati fil-kwistjonijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kumplessi tal-kummerċ tekniku;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati tal-AKP biex iżommu mad-definizzjoni tal-Kumitat tal-Għajnuna għall-Iżvilupp (*Development Assistance Committee* - DAC) tal-OECD ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (*Official Development Assistance* - ODA) waqt il-preparazzjoni ta' dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi u reġjonali li għandhom jiġu ffinanzjati mill-għaxar EDF;

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi tal-AKP.

**Il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010**

## L-Attakki riċenti kontra komunitajiet Insara fl-Eġittu u fil-Malasja

P7_TA(2010)0005

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar l-attakki reċenti kontra komunitajiet Insara**

(2010/C 305 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, u b'mod partikulari dik tal-15 ta' Novembru 2007 dwar avvenimenti serji li jikkompromettu l-eżistenza ta' komunitajiet Insara u ta' komunitajiet reliġjużi oħra,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 18 tal-Patt Internazzjonali tal-1966 dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU tal-1981 dwar t-Tneħħija tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskriminazzjoni abbażi tar-Reliġjon u t-Twemmin,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-promozzjoni tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet ċivili huma prinċipji u għanijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jikkostitwixxu bażi komuni għar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi,

B. billi, skont il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikulari l-Artikolu 18 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon; billi dan id-dritt jinkludi l-libertà li wieħed jidbel ir-reliġjon jew it-twemmin, u l-libertà li b'mod individwali jew f'komunità ma' oħrajn u fil-pubbliku jew fil-privat, jimmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu bil-qima, it-tagħlim, il-prattika u l-osservanza,

C. billi l-Ewropa, bħal partijiet oħra tad-dinja, għandha wkoll każijiet ta' vjolazzjoni ta' dik il-libertà, kif ukoll każijiet ta' reati individwali mwettqa kontra membri ta' minoranzi abbażi tat-twemmin tagħhom,

D. billi l-Unjoni Ewropea kemm-il darba fissret l-impenn tagħha favur il-libertà tal-ħsieb, il-libertà tal-kuxjenza u l-libertà tar-reliġjon u saħqet li kull gvern għandu d-dmir li jiggarantixxi dawn il-libertajiet fid-dinja kollha,

E. billi fis-6 ta' Jannar 2010 sparatura minn karozza miexja qatlet seba' persuni – sitt Insara Kopti u pulizija – u weġġgħet lil persuni oħrajn hekk kif kienu ħerġin minn knisja wara quddiesa ta' nofsillejl Lejlet il-Milied Koptu fil-belt ta' Nagaa Hammadi fl-Eġittu ta' Fuq; billi, fil-ġimgħat li għaddew, faqqa' ġlied ieħor bejn l-Insara Koptiċi u l-Musulmani, li l-Gvern Eġizzjan iddeskriva bħala każijiet iżolati,

F. billi fit-8 ta' Jannar 2010 l-awtoritajiet Eġizzjani ħabbru li arrestaw u kienu qed iżommu tliet persuni b'rabta mal-attakk f'Nagaa Hammadi fis-6 ta' Jannar; billi l-Prosekutur Pubbliku Eġizzjan iddeċieda li t-tliet akkużati għandhom jgħaddu proċedimenti kriminali quddiem il-Qorti tal-Emerġenza tas-Sigurtà Statali għal omiċidju volontarju,

G. billi l-Insara Kopti jirrappreżentaw madwar 10 % tal-popolazzjoni Eġizzjana; billi fis-snin li għaddew seħħew attakki rikorrenti ta' vjolenza kontra l-Insara Kopti fl-Eġittu,

H. billi l-Kostituzzjoni Eġizzjana tiggarantixxi l-libertà tat-twemmin u l-libertà tal-prattika tar-riti reliġjużi,

I. billi jattribwixxi importanza kbira lir-relazzjonijiet mal-Eġittu u jenfasizza l-importanza tal-Eġittu u tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu għall-istabbiltà u l-iżvilupp taż-żona Ewro-Mediterranja,

J. billi l-Knisja Kattolika Malasjana kienet fetħet kawża kontra l-Gvern Malasjan fl-2007 wara li l-Gvern hedded li jipprojbixxi l-pubblikazzjoni tal-gazzetta *Herald* għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jekk baqgħet tuża l-kelma "Allah", użata komunement mill-komunità Bahasa-Malasjana, ta' fidi Kristjana, bħala traduzzjoni ta' "Alla",

K. billi, fil-31 ta' Diċembru 2009, il-Qorti Għolja Malasjana ddeċidiet li l-Insara fil-Malasja għandhom id-dritt kostituzzjonali li jużaw il-kelma "Allah" biex jirreferu għal Alla u li l-klema mhijiex esklużiva għall-Iżlam,

L. billi, wara d-deċiżjoni, kien hemm minn tal-anqas disa' attakki fuq knejjes Insara fil-Malasja,

M. billi fl-2009 l-Gvern ikkonfiska aktar minn 15 000 kopja tal-Bibbja bil-lingwa tal-Malasja, li fihom il-kelma "Allah" intużat bħala referenza għal Alla, u sal-lum għadu ma raddhomx,

N. billi l-Gvern Malasjan jaċċetta l-użu tal-kelma "Allah" mill-komunitajiet Insara fl-istati ta' Sahah u Sarawak, filwaqt li ma jaċċettahx f'reġjuni oħra tal-pajjiż, u billi dan joħloq diskriminazzjoni addizzjonali bejn il-komunità Kristjana kollha fil-Malasja,

O. billi d-djalogu bejn il-komunitajiet huwa kruċjali għall-promozzjoni tal-paċi u tal-fehim reċiproku bejn il-popli,

1. Jisħaq li d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon huwa dritt tal-bniedem fundamentali ggarantit minn strumenti legali internazzjonali, u jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' vjolenza, diskriminazzjoni u intolleranza, abbażi tar-reliġjon u t-twemmin, kontra nies reliġjużi, apostati u min ma jemminx;

2. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-attakki reċenti kontra Nsara Kopti fl-Eġittu kif ukoll is-solidarjetà tiegħu mal-familji tal-vittmi; jistieden lill-Gvern Eġizzjan biex jiżgura s-sikurezza personali u l-integrità fiżika ta' Nsara Kopti u ta' membri ta' minoranzi reliġjużi oħrajn fil-pajjiż;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li saru mill-awtoritajiet Eġizzjani biex jidentifikaw lil min wettaq l-attakk tas-6 ta' Jannar 2010; jistieden lill-Gvern Eġizzjan biex jiżgura li l-persuni kollha responsabbli minn dak l-attakk, kif ukoll minn atti vjolenti oħrajn kontra Nsara Kopti jew kontra minoranzi reliġjużi jew minoranzi oħrajn, jittellgħu l-qorti u jingħataw smigħ ġust;

4. Jistieden lill-Gvern Eġizzjan biex jiggarantixxi li l-Insara Kopti, u membri ta' komunitajiet u minoranzi reliġjużi oħra jibbenefikaw mill-medda sħiħa ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali – inkluż id-dritt li jagħżlu u jibdlu r-reliġjon tagħhom b'mod ħieles – kif ukoll biex jipprevjeni kull diskriminazzjoni kontrihom;

5. Jiddeplora l-każijiet ta' vjolenza b'motivazzjoni reliġjuża li seħħew fit-territorju Ewropew, inkluż il-qtil ta' Marwa al-Sherbini, u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-familji tal-vittmi;

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-attakki reċenti kontra knejjes u postijiet ta' qima fil-Malasja kif ukoll is-solidarjetà tiegħu mal-vittmi; jistieden lill-awtoritajiet Malasjani biex jiżguraw is-sikurezza personali u l-integrità fiżika tan-nies li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom u biex jieħdu l-passi xierqa sabiex ikunu protetti l-knejjes u postijiet oħra ta' qima;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Malasjani biex iwettqu investigazzjonijiet rapidi u bir-reqqa dwar l-attakki rrappurtati kontra postijiet ta' qima kif ukoll biex kull min hu responsabbli jittella' l-qorti;

8. Iqis li l-azzjoni tal-Ministeru tal-Intern Malasjan tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-libertà tar-reliġjon; huwa partikolarment inkwetat li l-Gvern Malasjan ma mexiex skont il-liġi u li l-indħil tiegħu kkontribwixxa għażżieda tat-tensjoni bejn il-gruppi reliġjużi fil-pajjiż;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Qorti Għolja tal-Malasja u jistieden lill-awtoritajiet Malasjani jirrispettaw id-deċiżjoni tagħha; jistieden lill-Gvern Malasjan biex ma jipprovax jerġa' jdaħħal il-projbizzjoni fuq l-użu tal-kelma "Allah" iżda biex jipprova jtaffi t-tensjonijiet ikkaġunati u biex ma jiħux azzjonijiet oħra li jistgħu jħarbtu l-koeżistenza paċifika bejn ir-reliġjonijiet dominanti u ta' minoranza, kif stipulat fil-Kostituzzjoni tal-Malasja;

10. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, fil-qafas tar-relazzjonijiet u l-koperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi konċernati, biex jagħtu attenzjoni partikulari lis-sitwazzjoni tal-minoranzi reliġjużi, inklużi l-komunitajiet Insara;

11. Jappoġġja l-inizjattivi kollha bil-għan tal-promozzjoni tad-djalogu u r-rispett reċiproku bejn il-komunitajiet; jistieden lill-awtoritajiet reliġjużi kollha biex jippromwovu t-tolleranza u biex jieħdu inizjattivi kontra l-mibegħda u r-radikalizzazzjoni vjolenta u estremista;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Eġittu u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Malasja.

# Ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-każ ta' Liu Xiaobao

P7_TA(2010)0006

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-każ ta' Liu Xiaobao**

(2010/C 305 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina, partikolarment dik tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar is-Samit bejn l-UE u ċ-Ċina u d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem, u dik tas-26 ta' Novembru 2009 dwar id-drittijiet tal-minoranzi u l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt;

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2007 dwar it-tħaddim tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet tal-bniedem;

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Presidenza f'isem l-UE dwar il-Karta 08 u l-arrest ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem tad-19 ta' Diċembru 2008;

— wara li kkunsidra s-Samit bejn l-UE u ċ-Ċina li sar fi Praga f'Mejju 2009;

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Presidenza f'isem l-UE dwar il-prosekuzzjoni tas-Sur Liu Xiaobo tas-26 ta' Ġunju 2009, u tal-14 ta' Diċembru 2009;

— wara li kkunsidra s-seminar bejn l-UE u ċ-Ċina tat-18-19 ta' Novembru 2009 u d-djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina tal-20 ta' Novembru 2009;

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tad-29 ta' Diċembru 2009 mill-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-eżekuzzjoni ta' Akmal Sheikh;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-8 ta' Diċembru 2008 Liu Xiaobo, attivist prominenti għad-drittijiet tal-bniedem u studjuż, u koawtur tal-"Karta 08", tqiegħed taħt "sorveljanza residenzjali", forma ta' detenzjoni qabel il-proċess li tista' tintuża għal massimu ta' sitt xhur mingħajr ma tinħareġ akkuża, f'post sigriet f'Beijing;

B. billi fit-23 ta' Ġunju 2009, is-Sur Liu Xiaobo ġie arrestat u ġie akkużat fl-24 ta' Ġunju 2010 b' "inċitament biex iwaqqa' l-poter tal-Istat", skont l-Artikolu 105 tal-Kodiċi Kriminali;

C. billi Liu Xiaobo huwa wieħed mit-303 firmatarji tal-Karta 08, petizzjoni li tħeġġeġ ir-riforma kostituzzjonali, id-demokratizzazzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, li sussegwentement ġie iffirmata minn aktar minn 10 000 ċittadin Ċiniż;

D. billi fil-25 ta' Diċembru 2009, il-Qorti Popolari Intermedja Muniċipali Nru 1 ta' Beijing sabet lis-Sur Liu Xiaobo ħati ta' "inċitament biex iwaqqa' l-poter tal-Istat" u kkundannatu għal 11-il sena ħabs; billi l-gvern ibbaża l-kundanna fuq ir-rwol tas-Sur Liu fl-abbozzar u l-organizzazzjoni tal-iffirmar tal-Karta 08 u fuq sitt esejs li kkritikaw il-gvern Ċiniż, ippubblikati bejn l-2005 u l-2007;

E. billi l-mara ta' Liu u persunal minn madwar 12-il ambaxxata barranija f'Beijing talbu li josservaw il-proċess, imma ma tħallewx jidħlu fl-awla;

**Il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010**

F. billi din id-deċiżjoni kkawżat kritika mifruxa minn bloggers domestiċi tal-internet, gruppi internazzjonali tas-soċjetà ċivili, u gvernijiet barranin, u billi s-Sur Liu Xiaobo ressaq appell kontra d-deċiżjoni tal-qorti;

G. billi l-ex-President Ċek Vaclav Havel, li ried iressaq appell għall-ħelsien ta' Liu Xiaobo, ġie miċħud l-aċċess għall-Ambaxxata tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina fi Praga;

H. billi l-awtoritajiet Ċiniżi ma tawx kas is-sejħiet ripetuti tal-UE u ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha biex il-piena tal-mewt mogħtija lis-Sur Akmal Shaikh tiġi kkommutata;

I. billi, ftit jiem ilu, għall-ewwel darba, Uffiċjali Ċiniż irrikonoxxa li s-Sur Gao Zhiseng, attivista Kristjan tad-drittijiet tal-bniedem li kien ġie nnominat għall-premju Nobel għall-paċi, sparixxa;

J. billi f'Diċembru 2009 seħħew każijiet oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina bħall-fastidju tal-membri tal-Forum Guizhou dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sabiex iżommuhom milli jwettqu attivitajiet ippjanati biex jiċċelebraw Jum id-Drittijiet tal-Bniedem u s-swat u t-trattament ħażin ta' Qi Chonghuai, ġurnalist u ex-Kap tal-Bureau ta' Shandong tal-gazzetta Fazhi Morning Post waqt id-detenzjoni;

K. billi, qabel is-60 anniversarju tal-pajjiż, fl-1 ta' Ottubru, l-awtoritajiet Ċiniżi żiedu s-sorveljanza, il-fastidju u l-priġunerija tal-attivisti sabiex ma jħalluhomx iqajmu kwistjonijiet relatatimad-drittijiet tal-bniedem; billi skont l-Amnesty International f'din l-okkażjoni diversi mijiet ta' attivisti u dissidenti tpoġġew taħt diversi tipi ta' sorveljanza jew ta' arrest domiċiljari;

L. billi, f'April 2009, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ressqet dokument lin-NU biex tappoġġja l-kandidatura tagħha għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, li fiha affermat li r-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienet "impenjata għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-poplu Ċiniż";

M. billi, fit-13 ta' Jannar 2010, il-Google ħabbret l-intenzjoni tagħha li ttemm il-kooperazzjoni maċ-ċensura tal-Internet Ċiniża, u rabtet dan il-fatt ma' attakki ċibernetiċi fuq is-sistemi tal-kompjuter tagħha, li hi ssuspettat li originaw miċ-Ċina, immirati parzjalment għall-kontijiet tal-utenti Gmail ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem;

N. billi l-UE hija l-ikbar sieħba kummerċjali taċ-Ċina u l-ikbar investitur f'dak il-pajjiż u billi ċ-Ċina hija t-tieni l-ikbar sieħba kummerċjali tal-UE; billi r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi qed idellu l-kwistjoni ta' riformi demokratiċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

O. billi d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina stabbilit fis-sena 2000 s'issa kiseb riżultati negliġibbli; billi n-nuqqas ta' riżultati huwa wkoll konsegwenza ta' politika barranija tal-UE fir-rigward taċ-Ċina li la hija koordinata u lanqas hija effettiva,

1. Jitlob il-ħelsien immedjat u bla kundizzjonijiet ta' Liu Xiaobo u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-azzjonijiet u l-inizjattivi paċifiċi tiegħu favur ir-riformi demokratiċi u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem; Jikkundanna bil-qawwa l-fastidju ġudizzjarju li huwa sofra;

2. Jesprimi fl-istess waqt is-simpatija tiegħu għal dawk iċ-Ċiniżi li apertament esprimew in-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom rigward il-kundanna ta' Liu Xiaobo;

3. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jirrispettaw l-impenji li saru quddiem il-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem u biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fid-9 ta' Diċembru 1998;

4. Iħeġġeġ lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina biex tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jappella għar-ratifika tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

5. Jiddeplora l-fatt li ċ-Ċina, fil-qafas tal-proċess ta' Reviżjoni Perjodika Universali tagħha ta' Ġunju 2009, irrifjutat ir-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula mill-istati membri tan-NU marbuta mal-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-garanziji għall-professjoni legali, il-protezzjoni tad- difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-minoranzi etniċi, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, l-abolizzjoni tal-edukazzjoni mill-ġdid permezz tax-xogħol, il-projbizzjoni tat-tortura, il-libertà tal-midja, u rimedji effettivi għad-diskriminazzjoni;

6. Jikkundanna bl-akbar qawwa l-eżekuzzjoni tas-Sur Akmal Saikh u jafferma mill-ġdid l-oppożizzjoni assoluta u dejjiema tiegħu għall-użu tal-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha; huwa konvint li l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt tifforma parti integrali mir-rispett għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-ħarsien tad-dinjità tal-bniedem, fil-pajjiżi kollha;

7. Jilqa b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Google li twaqqaf il-koperazzjoni fuq l-iffiltrar u ċ-ċensura tal-internet mal-awtoritajiet Ċiniżi u jheġġeġ lill-kumpaniji l-oħra sabiex jaġixxu bl-istess mod; jistieden liċ-Ċina biex tirrispetta bis-sħiħ il-libertà tal-kelma fuq l-internet; jesprimi s-solidarjetà mal-utenti tal-internet taċ-Ċina li huma l-aktar li se jiġu affettwati mit-tluq propost tal-Google;

8. Jenfasizza li f'April 2009, il-gvern Ċiniż ippubblika l-ewwel Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (2009-2010) li għandu l-għan li jtejjeb il-ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini, iħares kontra d-detenzjoni arbitrarja, jipprojbixxi l-kisba tal-ammissjonijiet permezz tat-tortura u jiżgura proċessi ġusti u miftuħa;

9. Jenfasizza li r-rekord tad-drittijiet tal-bniedem taċ-Ċina għadu kwistjoni ta' tħassib serju u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqajmu l-każ ta' Liu Xiaobo fis-Samit li jmiss bejn l-UE u ċ-Ċina; jieħu nota tar-rawnds preċedenti tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem maċ-Ċina u tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina tal-20 ta' Novembru 2009; jinsisti dwar il-ħtieġa ta' segwitu strett bejn id-djalogi kollha biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jinbdew evalwazzjoni u tisħiħ komprensivi tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina; jitlob li l-każijiet ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jitqajmu sistematikament matul dawn id-djalogi u jenfasizza l-priġunerija fl-2008 ta' Hu Jia, rebbieħ tal-Premju Sakharov, u l-fastidju ta' martu Zeng Jinyan;

11. Huwa tal-fehma li l-iżvilupp tar-relazzjonijiet ekonomiċi maċ-Ċina għandhom ikunu akkumpanjati minn djalogu politiku effettiv u jitlob li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem għandu jifforma parti integrali mill-ftehim ta' qafas ġdid li issa qed jiġi nnegozjat maċ-Ċina;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli tal-UE, lill-President tal-Kunsill tal-UE, lill-Kummissjoni u lill-President, il-Prim Ministru u l-Assemblea Nazzjonali Popolari tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

---

## Il-Filippini

P7_TA(2010)0007

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar il-Filippini

(2010/C 305 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra id-Dikjarazzjoni tal-25 ta' Novembru 2009 magħmula mill-Presidenza tal-UE dwar il-qtil fil-provinċja tal-Maguindanao, il-Filippini, u l-istqarrija tat-2 ta' Diċembru 2009 minn Philip Alston, ir-Relatur Speċjali tan-NU dwar il-qtil ekstraġudizzjarju,

— wara li kkunsidra il-Ftehim tan-NU dwar il-Jeddijiet Ċivili u Politiċi u l-Protokoll Addizzjonali li hemm miegħu, li l-Filippini huma firmatarji tiegħu,

— wara li kkunsidra id-Dokument ta' Strateġija tal-Pajjiż 2007-2013 tal-Kummissjoni għall-Filippini,

— wara li kkunsidra il-Ftehim ta' Finanzjament għall-Programm ta' Appoġġ għall-Ġustizzja UE-Filippini, li ġie ffirmat f'Ottubru 2009 u li kien intiż biex jgħaġġel il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-perpetraturi tal-qtil ekstraġudizzjarju,

— wara li kkunsidra l-elezzjonijiet presidenzjali, parlamentari u lokali li se jsiru fil-Filippini nhar it-Tnejn, 10 ta' Mejju 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Filippini,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-qtil u l-għibien politiku, partikolarment tal-membri tal-organizzazzjonijiet tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, attivisti tal-jeddijiet tal-bniedem u mexxejja reliġjużi, għadhom komuni fil-Filippini, u billi l-organizzazzjonijiet tal-jeddijiet tal-bniedem isemmu aktar minn 1 000 qtil u għibien politikament motivat fid-deċennju li għadda,

B. billi l-virtwali impunità tal-perpetraturi u l-inabilità tal-gvern li jittratta b'mod effettiv il-vjolenza politikament motivata fil-pajjiż jagħmulha ferm diffiċli li dawk responsabbli jsir ħaqq minnhom minkejja l-impenji li ntrabat bihom il-gvern bħala parti mir-Reviżjoni Perijodika Universali tiegħu fl-2008,

C. billi mijiet ta' eluf ta' nies għadhom internament spostati minħabba l-kunflitt kontra l-gvern u l-Front Iżlamiku ta' Liberazzjoni Moro u l-Eżerċtu Ġdid tal-Poplu, li għadhom attivi fil-pajjiż, u minħabba l-operazzjonijiet militari kontra l-gruppijiet militari bħalma huma l-Grupp Abu Sayyaf fil-gżejjer-provinċji ta' Sulu u Basilan fil-Mindanao tal-Punent,

D. billi fit-23 ta' Novembru 2009 mitt raġel armat minn milizja lokali mmexxija mill-familja Ampatuan, li magħhom kien hemm uffiċjali tal-forza lokali tal-pulizija, ittorturaw u qatlu brutalment 57 membru ta' konvoj, inklużi l-qraba nisa ta' Esmail Mangudadatu, li wħud minnhom sfaw stuprati, avukati u 30 ġurnalist, li kienu fi triqthom biex tinkiteb il-kandidaturi ta' Mangudadatu għall-ħatra ta' gvernatur tal-provinċja f'Mindanao,

E. billi dan il-massakru, li ħalla l-akbar numru ta' ġurnalisti mejta f'inċident wieħed fi kwalunkwe post fid-dinja, wera b'mod xokkanti kemm il-Filippini nħakmu mis-sinjuri tal-gwerra, mill-korruzzjoni fost il-forzi tas-sigurtà u mill-impunità għall-aktar krimini ħorox,

F. billi fl-24 ta' Novembru 2009, il-Gvern tal-Filippini ddikjara stat ta' emerġenza fiż-żewġ provinċji kkonċernati, u b'hekk il-militar ingħata l-inkarigu li jżomm l-ordni u r-rispett għal-liġi, stieden lil esperti forensi internazzjonali jappoġġjaw l-inkjesta u, fl-4 ta' Diċembru 2009, iddikjara l-liġi marzjali f'Maguindanao għal ġimgħa, l-ewwel darba li ttieħdet deċiżjoni bħal din mill-1972 'il hawn,

G. billi din il-mossa wasslet għall-arrest tal-membri ewlenin tal-familja Ampatuan u x-xili tagħhom bi qtil multiplu u l-kixfa ta' arsenal tal-għaġen ta' armi u eluf ta' karti tal-identifikazzjoni tal-votanti moħbijin, li huma indizji ċari ta' tbagħbis fil-voti favur il-partit politiku tal-President Arroyo, Lakas-Kampi-CMD,

H. billi l-elezzjonijiet fil-Filippini fl-imgħoddi kienu mtebbgħin bil-qtil ekstraġudizzjarju frekwenti ta' opponenti politiċi mwettaq minn armati privati u milizji, ħafna minnhom armati b'armi mogħtijin mill-gvern, imqabbdin minn familji politikament influwenti,

I. billi l-fatt li matul il-kampanja elettorali tal-2007 xi 60 kandidat u fil-kampanja tal-2004 41 kandidat sfaw maqtulin qiegħed iqanqal il-biża' li se jiżdied il-għadd ta' qtil ta' attivisti politiċi aktar ma joqorbu l-elezzjonijiet ta' Mejju 2010,

J. billi l-qtil brutali f'Maguindanao jirrappreżenta pass lura serju għall-paċi u d-demokrazija fil-Filippini u se jkompli jikkomplika t-taħditiet ta' paċi bejn il-Gvern tal-Filippini u l-Front Iżlamiku ta' Liberazzjoni Moro li reġa' beda l-attività tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2009 fi Kuala Lampur, bl-għajnuna tal-Gvern tal-Malażja,

1. Jikkundanna bil-qawwa l-massakru ta' Maguindanao tat-23 ta' Novembru 2009 u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-familji tal-mejtin;

2. Jilqa' r-respons tal-Gvern tal-Filippini għall-massakru, filwaqt li jiddeplora d-dewmien inizjali, u jishaq li l-investigazzjonijiet tal-pulizija għandhom ikunu komprensivi u indipendenti u li għandhom ikunu segwiti bi prokeskuzzjonijiet effettivi, inkluż tal-membri tal-forzi tas-sigurtà ssuspettati b'involviment;

3. Huwa mħasseb ħafna li r-rabtiet personali li l-membri tal-amministrazzjoni għandhom mal-familja Ampatuan jistgħu jxekklu aktar milli jgħinu ħalli jkun hemm investigazzjoni imparzjali tal-qtil u jitlob li l-familja Ampatuan tkun interrogata mill-Bureau Nazzjonali tal-Investazzjonijiet;

4. Jitlob li jittieħdu miżuri urġenti ħalli jitħarsu x-xhieda, l-imħallfin, l-avukati u l-prosekuturi kollha involuti fil-investigazzjoni u fil-proċedimenti ġudizzjarji;

5. Jitlob lill-pajjiżi donaturi joffru assistenza forensi, investigattiva u legali u jappoġġjaw lid-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Filippini;

6. Jitlob lill-Gvern tal-Filippini jieħu passi deċiżivi biex itemm il-qtil u l-għibien ekstraġudizzjarju, u li jagħmel dawl fuq il-każijiet l-oħrajn kollha li għadhom mhux riżolti, inkluż dak ta' Jonas Burgos, li għab f'April 2007; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Filippini jirratifika l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Għibien Forzat;

7. Jitlob lill-Gvern tal-Filippini jieħu azzjoni deċiżiva ħalli minnufih jieqaf kull finanzjament privat u lokali tal-gruppi awżiljarji tal-pulizija u l-militar u jkun hemm l-iżbandament tal-forzi paramilitari u l-milizji lokali; jilqa' d-deċiżjoni tal-President Arroyo tad-9 ta' Diċembru 2009 dwar din il-kwestjoni u jitlob lis-Sa Arroyo tirrevoka l-Ordni Eżekuttiv 546;

8. Jilqa', f'dan is-sens, il-projbizzjoni dwar l-armi maħruġa mill-Kummissjoni dwar l-Elezzjonijiet bi tħejjija għall-votazzjoni tal-10 ta' Mejju 2010;

9. Jilqa' l-iffirmar f'Ottubru 2009 tal-Ftehim ta' Finanzjament għall-Programm ta' Appoġġ għall-Ġustizzja UE-Filippini (EPJUST), li jalloka €3.9 m b'appoġġ, assistenza u taħriġ fit-tisħiħ tas-sistema tal-ġustizzja kriminali u jappoġġja x-xogħol tal-Kummissjoni tal-Jeddijiet tal-Bniedem u tal-gruppijiet tas-soċjetà ċivili; jistenna b'ħeġġa r-rapporti dwar il-ħidma tas-sistema ta' monitoraġġ li se titwaqqaf taħt l-EPJUST u se tkun responsabbli biex jinżamm rendikont tal-progress li n-nazzjon tagħmel fit-taqbida kontra l-qtil ekstraġudizzjarju u l-abbużi relatati;

10. Jesprimi t-tħassib tiegħu li d-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza min-naħa tal-President, imżewġa mal-għoti ta' poteri akbar lill-forzi armati, li fl-imgħoddi kienu implikati f'għadd ta' qtil ekstraġudizzjarju, ma humiex se jipprevjenu jew inaqqsu l-vjolenza marbuta mal-elezzjonijiet fil-provinċja ta' Mindanao;

**Il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010**

11. Jitlob lill-Gvern tal-Filippini jkattar l-isforzi biex jiġu eliminati episodiji ta' vjolenza politika bil-għan li jkun imħares il-futur tad-demokrazija fil-Filippini; jitlob, b'mod partikolari lill-awtoritajiet, jistabilixxu task force ta' livell għoli b'appoġġ politiku wiesa' ħalli b'mod urġenti jiġu implimentati miżuri ħalli tkun prevjenuta l-vjolenza marbuta mal-elezzjonijiet fix-xhur qabel l-elezzjonijiet ta' Mejju u ħalli jittieħdu passi intiżi għall-protezzjoni tal-mezzi tax-xandir u tal-libertà tal-espressjoni b'mod ġenerali;

12. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' Ang Ladlad fl-elezzjonijiet ta' Mejju, liema deċiżjoni tirrovexxja r-rifjut inizjali fuq 'bażijiet morali' mill-Kummissjoni għall-Elezzjonijiet (COMLEC);

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-President u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini, llill-Kummissarju Għoli tan-NU għal-Jeddijiet tal-Bniedem u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-ASEAN.

## Strateġija Ewropea għar-reġjun ta' Danubju

P7_TA(2010)0008

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2010 dwar l-istrateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju**

(2010/C 305 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 192 u 265(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija orali tat-3 ta' Diċembru 2009, tal-Kummissjoni, dwar Strateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju (O-0150/09 – B7-0240/2009),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009, li talbu lill-Kummissjoni biex tfassal strateġija Ewropea għar-reġjun tad-Danubju qabel l-għeluq tal-2010,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku,

— wara li kkunsidra l-programm tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenza Spanjola, dik Belġjana, u dik Ungeriża;

— wara li kkunsidra l-Forum tad-Danubju stabbilit fi ħdan il-Parlament Ewropew, u l-ħidma tal-Forum,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar il-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali u l-istat tad-dibattitu dwar ir-riforma ġejjiena tal-politika ta' koeżjoni,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni bit-titlu 'Strateġija tal-UE għaż-Żona tad-Danubju', ta' Ottubru 2009,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Espoo, Aarhus, u Berna dwar il-ħarsien tal-ambjent,

— wara li kkunsidra d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma u l-Konvenzjoni ta' Ħelsinki,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Belgrad li tirregola n-navigazzjoni tul id-Danubju,

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta dwar "L-iżvilupp tan-Navigazzjoni u l-Ħarsien tal-Ambjent fil-Baċin tax-Xmara Danubju" adottata mill-Kummissjoni tad-Danubju, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tax-Xmara Danubju (ICPDR) u l-Kummissjoni Internazzjonali tal-Baċin tax-Xmara Sava (ISRBC),

— wara li kkunsidra l-Konferenza ta' Stokkolma dwar strateġija makroreġjonali li saret mill-Presidenza Svediża,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-Trattat ta' Lisbona jirrikonoxxi l-koeżjoni territorjali bħala objettiv tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 3 tat-Trattat UE),

B. billi l-istrateġiji makroreġjonali huma mmirati sabiex jagħmlu użu aħjar mir-riżorsi eżistenti biex jittrattaw kwistjonijiet ta' żvilupp territorjali u jidentifikaw risposti konġunti għall-isfidi komuni,

C. billi l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku diġà pprovdiet mudell għall-koordinazzjoni tal-politiki u l-iffinanzjar tal-UE f'unitajiet territorjali ġeopolitiċi - makroreġjuni - definiti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi u billi Strateġija tal-UE għad-Danubju, li tkun issegwi l-mudell tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, għandha l-potenzjal li tippromwovi l-koperazzjoni reġjonali u transkonfinali għal aktar tkabbir ekonomiku u sabiex tidentifika risponsi konġunti għal sfidi komuni,

D. billi x-Xmara Danubju tgħaqqad għaxar pajjiżi Ewropej – il-Ġermanja, l-Awstrija, is-Slovakkja, l-Ungerija, il-Kroazja, is-Serbja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Moldova, u l-Ukraina, li sitta minnhom huma Stati Membri tal-UE, u f'kuntest territorjali akbar, ir-reġjun jinkludi wkoll lir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, il-Bosnja-Ħerzegovina u l-Montenegro,

E. billi r-reġjun tad-Danubju hija punt importanti fejn jiltaqgħu il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-programmi għall-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-kandidati potenzjali għal adeżjoni, u għaldaqstant tirrappreżenta qasam fejn is-sinerġiji mtejba bejn il-politiki differenti tal-UE jistgħu jiġu żviluppati: il-koeżjoni, it-trasport, it-turiżmu, l-agrikultura, is-sajd, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, l-enerġija, l-ambjent, it-tkabbir u l-politika tal-viċinat,

F. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tad-Danubju tal-UE għandha tiġi żviluppata f'dawn l-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin: l-iżvilupp u l-ħarsien soċjali, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, l-infrastruttura tat-trasport u l-enerġija, il-ħarsien tal-ambjent, il-kultura u l-edukazzjoni,

G. billi l-Istrateġija tal-UE għad-Danubju tista' tagħti kontribut importanti għall-kisba ta' koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet u l-organizzazzjoni reġjonali u lokali li jaħdmu fir-reġjun tad-Danubju u tista' tiżgura l-prosperità, l-iżvilupp sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi u s-sigurtà fiż-żona,

H. billi hemm storja twila ta' kooperazzjoni fir-reġjun tad-Danubju: il-Kummissjoni Ewropea għad-Danubju, li twaqqfet fit-30 ta' Marzu 1856 u li kellha s-sede oriġinarja tagħha f'Galați (ir-Rumanija), kienet waħda mill-ewwel istituzzjonijiet Ewropej, u l-lum għandha s-sede tagħha f'Budapest,

I. billi x-Xmara Danubju għoddha saret passaġġ intern navigabbli tal-Unjoni Ewropea wara t-tkabbir tal-2007, u billi r-Reġjun tad-Danubju jista' jagħti kontribut sostanzjali biex irawwem l-iżviluppi li seħħew mit-tkabbir 'l hawn,

J. billi x-Xmara Danubju hi passaġġ intern navigabbli effettiv anke lil hinn mill-Istati Membri l-ġodda u flimkien mal-Kanal tal-Main u max-Xmara Renu, tgħaqqad il-Baħar tat-Tramuntana mal-Baħar l-Iswed u għandha l-potenzjal li ttejjeb il-qagħda ġeostrateġika tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed,

**Il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010**

K. billi r-Reġjun tad-Danubju jirrappreżenta żona interkonnessa b'kapaċitajiet ekonomiċi eteroġeniċi u billi jekk iż-żona tad-Danubju titqies bħala makroreġjun wieħed, dan jista' jgħin biex jintgħelbu d-differenzi reġjonali fil-prestazzjoni ekonomika u jsostni żvilupp integrat,

L. billi d-Delta tad-Danubju hija Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO, u dan ir-reġjun tad-Danubju jinkludi bosta Żoni ta' Protezzjoni Speċjali u Żoni Speċjali għall-Konservazzjoni fi ħdan il-qafas Natura 2000; billi d-Danubju u d-Delta tad-Danubju għandhom ekosistema unika u fraġli, li fiha jgħixu speċijiet ta' pjanti rari li jinsabu mhedda minħabba t-tniġġis,

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi, kemm jista' jkun malajr, konsultazzjonijiet wiesgħa mal-pajjiżi kollha matul ix-xtut tax-Xmara Danubju sabiex tkopri aspetti varji tal-koperazzjoni reġjonali u li tippreżenta l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju sa mhux aktar tard minn tmiem l-2010;

2. Iqis li Strateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju tirrappreżenta strument xieraq għal titjib fl-iżvilupp territorjali permezz ta' kooperazzjoni intensifikata f'oqsma ta' politika definiti b'mod ċar, fejn l-imsieħba governattivi kollha identifikaw valur miżjud Ewropew ġenwin, u jitlob li din l-istrateġija tiġi żviluppata bħala parti mill-objettiv tal-Koperazzjoni Territorjali Ewropea;

3. Jenfasizza li huwa essenzjali li kwalunkwe strateġija makro-reġjonali għandha tiġi inkorporata fil-politika reġjonali tal-UE, bħala politika koordinata għat-territorju kollu tal-UE; barra minn hekk, jenfasizza l-ħtieġa li jiġi analizzat il-valur miżjud ta' din l-istrateġija għall-implimentazzjoni tal-objettiv tal-koeżjoni territorjali fi ħdan it-territorju tal-Unjoni;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-atturi relevanti reġjonali u lokali fir-reġjun tad-Danubju jiġu involuti fil-proċess ta' tħejjija, sabiex b'mod ċar jiġu identifikati l-ħtiġijiet, kemm mil-lat tal-iżvilupp territorjali bilanċjat u sostenibbli tat-territorji kif ukoll għall-bini tal-kapaċitajiet, sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi komuni, il-proġetti prattiċi jiġu implimentati b'mod effiċjenti u jiġi pprovdut mekkaniżmu ta' governanza tajba u jħeġġeġ lill-gvernijiet biex jappoġġaw u jiffaċilitaw miżuri għall-informar u l-konsultazzjoni tal-NGOs, l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u s-soċjetà ċivili kemm fl-istabbiliment tal-istrateġija kif ukoll fl-implimentazzjoni tagħha fil-ġejjieni;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod ċar tidentifika l-"istruttura ta' governanza" ta' politika ġejjiena għar-reġjun tad-Danubju; hu tal-fehma li l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija ma tridx tirfes fuq ir-responsabilitajiet tal-gvern reġjonali u lokali;

6. Jappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjun tad-Danubju bħala qasam ta' priorità tal-UE u l-promozzjoni ta' integrazzjoni reġjonali aktar profonda fir-reġjun tad-Danubju bħala komponent dinamiku ta' żona ekonomika u politika Ewropea usa';

7. Jitlob li jkun hemm it-titjib tal-istatus ekoloġiku tax-xmara Danubju, li bħalissa hija xmara mniġġsa, li jitnaqqas it-tniġġis u li ma jibqax jintrema aktar żejt u aktar sustanzi tossiċi u dannużi fiha;

8. Jinnota li r-responsabiltà għat-tniġġis tar-Reġjun tad-Danubju hija kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-pajjiżi l-oħra li minnhom tgħaddi x-xmara Danubju; jisħaq li l-ħarsien tal-ambjent fil-baċin tax-xmara Danubju huwa aspett importanti li se jolqot l-iżvilupp agrikolu u rurali tar-reġjun u jħeġġeġ lill-Istati li minnhom tgħaddi x-xmara Danubju biex jistabbilixxu faċilitajiet idroloġiċi u tal-ittestjar tal-kwalità tal-ilma konġunti;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fid-dawl tal-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima, biex jagħtu attenzjoni speċjali u jikkoperaw għall-protezzjoni tal-ekosistemi lokali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp li jiffoka fuq teknoloġiji ġodda mmirati sabiex itejbu l-kapaċitajiet ta' tbassir u ta' azzjoni f'konnessjoni ma' għargħar, nixfa estrema u tniġġis aċċidentali;

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa tal-protezzjoni u t-tisħiħ tal-istokkijiet tal-ħut fid-Danubju; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprepara pjan komprensiv għall-konservazzjoni u r-restawr tal-istokkijiet naturali tal-istorjuni fid-Danubju;

11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tuża l-esperjenza tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku fir-rigward tan-natura operattiva tagħha; konsegwentement, jitlob għal Pjan ta' Azzjoni biex jikkomplimenta d-dokument; hu tal-opinjoni li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jinkludi fih l-elementi li ġejjin: użu b'kuxjenza ambjentali tax-xmara Danubju għan-navigazzjoni, intermodalità ma' modi oħra tat-trasport tul id-Danubju permezz ta' titjib tal-infrastrutturi kollha (bi prijorità għall-użu aħjar tal-infrastruttura eżistenti) u bil-ħolqien ta' sistema tat-trasport multimodali tul ix-xmara kollha, użu b'kuxjenza ambjentali tal-enerġija mill-ilma tul id-Danubju, il-konservazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ilma tad-Danubju skont id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma, rekwiżiti tas-sikurezza stretti għall-bastimenti, l-iżvilupp ta' turiżmu b'kuxjenza ambjentali u titjib fl-oqsma tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-koeżjoni soċjali;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' diversifikazzjoni tal-għejun tal-enerġija u jistieden lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi kollha li minnhom tgħaddi x-xmara biex iżidu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija, jippromwovu u jimplimentaw proġetti konġunti dwar l-effiċjenza enerġetika u dwar riżorsi enerġetiċi rinovabbli, fid-dawl tal-potenzjal tar-reġjun bħala sors ta' bijoenerġija, u biex jinkoraġġixxu l-użu ta' enerġija mill-bijomassa, mix-xemx, mir-riħ u mill-ilma;

13. Jisħaq li l-evalwazzjonijiet strateġiċi adegwati tal-impatt fuq l-ambjent, inklużi l-evalwazzjonijiet tal-effetti fuq l-ekosistema kollha tax-xmara, għandhom ikunu prerekwiżit għall-proġetti kollha ta' infrastruttura relatati mal-enerġija, sabiex jiġi garantit li jintlaħqu l-istandards internazzjonali tal-ħarsien tal-ambjent, wara li jiġu kkonsultati l-imsieħba li jistgħu jiġu affettwati b'dawn id-deċiżjonijiet;

14. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-interdipendenza ekonomika eċċezzjonali tal-istati fir-reġjun tad-Danubju u jappoġġa t-twaqqif ta' netwerks għall-iżvilupp tan-negozju u korpi mhux governattivi li jippromwovu l-kummerċ li jistgħu jikkoordinaw u jippromwovu l-opportunitajiet ta' żvilupp fil-ġejjieni, speċjalment għall-SMEs, biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u effiċjenti u tkun stimolata l-ekonomija l-ħadra fil-makroreġjun kollu tad-Danubju;

15. Jipproponi l-integrazzjoni tas-sistema tat-trasport tal-UE ma' dawk tal-pajjiżi ġirien tal-UE fir-reġjun tad-Danubju u jisħaq fuq l-importanza li jsir proviżjon għal proġetti intermodali;

16. Iqis is-sistema ta' navigazzjoni tal-passaġġi interni navigabbli bħala aspett importanti tal-iżvilupp tat-trasport tar-reġjun, filwaqt li jiġi rikonoxxut it-tnaqqis tan-navigazzjoni fil-passaġġi interni navigabbli, l-aktar minħabba t-tnaqqis kbir fir-ritmu ekonomiku, u jisħaq fuq l-importanza tal-eliminazzjoni tal-konġestjonijiet fl-assi tal-passaġġ Renu/Meuse-Main-Danubju u t-titjib tas-sistema intermodali kollha tat-trasport tul id-Danubju, filwaqt li wieħed jiffoka fuq it-taħlita bejn portijiet interni u loġistika, navigazzjoni interna u trasport ferrovjarju mtejba u jitqiesu l-possibilitajiet addizzjonali ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra;

17. Jipproponi li n-Netwerk Trans-Ewropew għandu jissaħħaħ biex titjieb l-intermodalità fir-reġjun kollu u tiżdied il-konnettività mal-Baħar l-Iswed permezz tar-rotot stradali u ferrovjarji (il-kuriduri tal-merkanzija u l-linji ferrovijarji ta' veloċità qawwija);

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex trawwem użu aktar ġeneralizzat ta' teknoloġiji moderni ta' komunikazzjoni u informazzjoni u sabiex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex malajr kemm jista' jkun tikseb sistema unifikata effiċjenti tar-regoli għan-navigazzjoni tul id-Danubju;

19. Iqis it-turiżmu sostenibbli bħala strument importanti għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku tar-reġjun, u jinnota per eżempju l-opportunitajiet li joffri l-ekoturiżmu u l-potenzjal ekonomiku tar-rotot għaċ-ċikliżmu kważi tul id-Danubju kollu;

20. Jappoġġa l-programmi mmirati lejn it-titjib tal-ambjent multikulturali tad-Danubju billi tkun ikkoltivata l-mobilità multinazzjonali, ikun promoss id-djalogu kulturali, jiġu ġġenerati forom ta' arti u komunikazzjoni kif ukoll ta' taħriġ u jiġu stabbiliti inkubaturi kummerċjali f'dawn is-setturi, u jitħares il-wirt kulturali u storiku kif ukoll jiġu stimolati industriji kulturali ġodda;

**Il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010**

21. Jappoġġa l-programmi ta' skambji universitarji fi ħdan ir-reġjun u jipproponi li l-universitajiet fir-reġjun jikkostitwixxu netwerks biex jikkoltivaw ċentri ta' eċċellenza kapaċi li jikkompetu f'livell internazzjonali;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-arranġamenti amministrattivi biex inaqqsu l-piż amministrattiv inerenti fl-iżvilupp aktar effettiv u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew biex jiġu ddefiniti l-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, u jistieden lill-Kummissjoni biex tinformah u tikkonsulta miegħu regolarment dwar l-istatus tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija;

24. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal approċċ ikkoordinat immirat lejn użu aktar effiċjenti u assorbiment aħjar tal-fondi disponibbli kollha tal-UE fl-Istati tul id-Danubju, biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija;

25. Iħeġġeġ l-użu tal-Programmi Operattivi eżistenti għall-finanzjament ta' proġetti f'din l-istrateġija; iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati biex jesploraw ukoll strumenti oħra ta' natura mhux finanzjarja li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija u li jkollhom effett pożittiv immedjat fil-post;

26. Jipproponi li, wara konsultazzjoni mal-atturi lokali u reġjonali, isir Samit tal-UE għad-Danubju darba kull sentejn u li l-konklużjonijiet tiegħu jiġu ppreżentati lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-istituzzjonijiet relevanti l-oħra.

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew

P7_TA(2010)0001

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 li taħtar l-Ombudsman Ewropew**

(2010/C 305 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tiegħu tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-kompiti tal-Ombudsman ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 204 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra s-sejħa għall-applikazzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra l-vot tiegħu tal-20 ta' Jannar 2010,

1. Jaħtar Nikiforos Diamandouros biex iservi/isservi bħala Ombudsman Ewropew;

2. Jitlob lil Nikiforos Diamandouros biex jieħu/tieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex id-deċiżjoni annessa tiġi ppubblikata *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja.

---

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
([2]) ĠU C 216, 10.9.2009, p. 7.

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

**ANNESS**

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

## tal-20 ta' Jannar 2010

## li taħtar l-Ombudsman Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tiegħu tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-kompiti tal-Ombudsman (1),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 204 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra s-sejħa għall-applikazzjonijiet (2),

Wara li kkunsidra l-vot tiegħu tal-20 ta' Jannar 2010,

IDDEĊIEDA:

li jaħtar Nikiforos DIAMANDOUROS biex iservi/isservi bħala Ombudsman Ewropew.

Magħmula fi Strasburgu, fl-20 ta' Jannar 2010

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
Jerzy BUZEK

---

(1) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
(2) ĠU C 216, 10.9.2009, p. 7.

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

# Proposta dwar il-ħatra ta' membru tal-panel inkarigat mill-ħatra tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali

P7_TA(2010)0003

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 li tipproponi l-ħatra ta' Ana Palacio Vallelersundi fil-kumitat skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (2009/2210(INS))**

(2010/C 305 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 107a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Ana Palacio Vallelersundi tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

1. Jipproponi li Ana Palacio Vallelersundi tinħatar fil-kumitat;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores *

P7_TA(2010)0002

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores (COM(2009)0370 – C7-0222/2009 – 2009/0125(CNS))**

(2010/C 305 E/08)

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0370),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 299(2) tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0222/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titlu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 349(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0001/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha kif xieraq, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-UE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| TEXT PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Sabiex tingħata perspettiva fit-tul lill-investituri u sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jilħqu l-livell ta' attivitajiet industrijali u kummerċjali li jistabilizza l-ambjent ekonomiku u soċjali fir-reġjuni kkonċernati, huwa xieraq li jiġu sospiżi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti oġġetti għal perjodu ***ta' 10 snin*** li jibda ***mill-1 ta' Jannar 2010***. | *(5)* Sabiex tingħata perspettiva fit-tul lill-investituri u sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jilħqu l-livell ta' attivitajiet industrijali u kummerċjali li jistabilizza l-ambjent ekonomiku u soċjali fir-reġjuni kkonċernati, huwa xieraq li jiġu sospiżi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti oġġetti għal perjodu li jibda ***mill-1 ta' Frar 2010 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2019***. |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| TEXT PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Mill-1 ta' Jannar 2010***sal-31 ta' Diċembru 2019 id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli għall-importazzjonjiet fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores ta' oġġetti lesti għall-użu agrikolu, kummerċjali jew industrijali elenkati fl-Anness I għandhom jiġu sospiżi kompletament. | ***Mill-1 ta' Frar 2010***sal-31 ta' Diċembru 2019 id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli għall-importazzjonjiet fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores ta' oġġetti lesti għall-użu agrikolu, kummerċjali jew industrijali elenkati fl-Anness I għandhom jiġu sospiżi kompletament. |

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2**

| TEXT PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Mill-1 ta' Jannar 2010***sal-31 ta' Diċembru 2019 id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli għall-importazzjonijiet fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores ta' materja prima, partijiet u komponenti elenkati fl-Anness II, u użati għal finijiet agrikoli, u għat-trasformazzjoni industrijali u manutenzjoni fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores, għandhom jiġu sospiżi kompletament. | ***Mill-1 ta' Frar 2010***sal-31 ta' Diċembru 2019 id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli għall-importazzjonijiet fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores ta' materja prima, partijiet u komponenti elenkati fl-Anness II, u użati għal finijiet agrikoli, u għat-trasformazzjoni industrijali u manutenzjoni fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores, għandhom jiġu sospiżi kompletament. |

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| TEXT PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Għandu japplika ***mill-1 ta' Jannar 2010***. | Għandu japplika ***mill-1 ta' Frar 2010***. |

**L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010**

| TEXT PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

## Emenda 5

### Proposta għal regolament
### Anness II - Tabella

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

| Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3102 40 10 | 5901 90 00 | 7324 90 00 | 8308 90 00 | 8442 40 00 | 8509 90 00 | ***8544 42 90*** |
| 3105 20 10 | 5905 00 90 | 7326 90 98 | ***8406 90 90*** | ***8450 90 00*** | 8511 80 00 | ***8544 49 93*** |
| 4008 29 00 | 6217 90 00 | 7412 20 00 | ***8409 91 00*** | ***8451 90 00*** | 8511 90 00 | 9005 90 00 |
| 4009 42 00 | 6406 20 90 | 7415 21 00 | ***8409 99 00*** | ***8452 90 00*** | 8513 90 00 | ***9011 90 90*** |
| 4010 12 00 | 7303 00 90 | 7415 29 00 | ***8411 99 00*** | ***8478 90 00*** | ***8514 90 00*** | 9014 90 00 |
| 4015 90 00 | 7315 12 00 | 7415 33 00 | 8412 90 40 | 8481 20 10 | 8529 10 31 | 9015 90 00 |
| 4016 93 00 | 7315 89 00 | 7419 91 00 | ***8413 30 80*** | 8481 30 99 | 8529 10 39 | ***9024 90 00*** |
| 4016 99 97 | 7318 14 91 | 7606 11 91 | ***8413 70 89*** | 8481 40 | ***8529 10 80*** | 9029 20 31 |
| 5401 10 90 | 7318 15 69 | 7606 11 93 | ***8414 90 00*** | 8481 80 99 | 8529 10 95 | 9209 91 00 |
| 5407 42 00 | 7318 15 90 | 7606 11 99 | 8415 90 00 | 8482 10 90 | 8529 90 65 | 9209 92 00 |
| 5407 72 00 | 7318 16 91 | 7616 10 00 | ***8421 23 00*** | 8482 80 00 | 8529 90 97 | 9209 94 00 |
| 5601 21 90 | 7318 19 00 | 7907 00 | ***8421 29 00*** | 8483 40 90 | 8531 90 85 | 9506 70 90 |
| 5608 | 7318 22 00 | ***8207 90 99*** | ***8421 31 00*** | 8483 60 80 | 8539 31 90 | |
| 5806 32 90 | 7320 20 89 | 8302 42 00 | ***8421 99 00*** | 8484 10 00 | ***8543 70 90*** | |
| ***5806 32 90*** | 7323 99 99 | 8302 49 00 | ***8440 90 00*** | ***8503 00 99*** | ***8544 20 00*** | |

EMENDA

| Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM | Kodiċi NM |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3102 40 10 | 7318 15 90 | ***8207*** | ***8420*** | ***8458*** | 8483 60 80 | ***9010*** |
| 3105 20 10 | 7318 16 91 | ***8208 ([2])*** | ***8421*** | ***8459*** | 8484 10 00 | ***9011*** |
| 4008 29 00 | 7318 19 00 | ***8209 00*** | ***8422*** | ***8460*** | ***8486*** | ***9012*** |
| 4009 42 00 | 7318 22 00 | ***8210 00 00*** | ***8423 ([3])*** | ***8461*** | ***8501*** | 9014 90 00 |
| 4010 12 00 | 7320 20 89 | 8302 42 00 | ***8424 ([4])*** | ***8462*** | ***8503 00*** | 9015 90 00 |
| 4015 90 00 | ***7322*** | 8302 49 00 | ***8425*** | ***8463*** | ***8504 40 84*** | ***9016 00*** |
| 4016 93 00 | 7323 99 99 | ***8303 00*** | ***8426*** | ***8464*** | ***8508*** | ***9017*** |
| 4016 99 97 | 7324 90 00 | ***8304 00 00*** | ***8427*** | ***8465*** | 8509 90 00 | ***9018*** |
| 5401 10 90 | 7326 90 98 | ***8307 90 00*** | ***8428*** | ***8466*** | 8511 80 00 | ***9024*** |
| 5407 42 00 | 7412 20 00 | 8308 90 00 | ***8437*** | ***8467*** | 8511 90 00 | ***9025*** |
| 5407 72 00 | 7415 21 00 | ***8402*** | ***8438*** | ***8468*** | 8513 90 00 | ***9026*** |
| 5601 21 90 | 7415 29 00 | ***8403*** | ***8439*** | ***8469 00*** | ***8514*** | ***9027*** |
| 5608 | 7415 33 00 | ***8404*** | ***8440*** | ***8470*** | ***8515*** | ***9028*** |
| 5806 32 90 | 7419 91 00 | ***8405*** | ***8441*** | ***8471*** | ***8517*** | 9029 20 31 |
| 5901 90 00 | 7606 11 91 | ***8406*** | 8442 40 00 | ***8472*** | ***8526*** | ***9030*** |
| 5905 00 90 | 7606 11 93 | ***8407*** | ***8443*** | ***8474*** | 8529 10 31 | ***9031*** |
| 6217 90 00 | 7606 11 99 | ***8408*** | ***8444 00*** | ***8475*** | 8529 10 39 | ***9032*** |
| 6406 20 90 | ***7610*** | ***8409*** | ***8445*** | ***8477*** | 8529 10 95 | ***9033 00 00*** |
| ***6804*** | ***7611 00 00*** | ***8411*** | ***8446*** | ***8478*** | ***8529 90 20*** | 9209 00 00 |
| 7303 00 90 | ***7612*** | 8412 90 40 | ***8447*** | ***8480*** | 8529 90 65 | 9209 92 00 |
| ***7308*** | ***7613 00 00*** | ***8413*** | ***8448*** | 8481 20 10 | 8529 90 97 | 9209 94 00 |
| ***7309 00*** | 7616 10 00 | ***8414*** | ***8450*** | 8481 30 99 | 8531 90 85 | ***9406 00*** |
| ***7310 ([1])*** | 7907 00 | ***8415*** | ***8451*** | 8481 40 | ***8537 10 99*** | 9506 70 90 |
| 7315 12 00 | ***8202*** | ***8416*** | ***8452*** | 8481 80 99 | 8539 31 90 | |
| 7318 14 91 | ***8203*** | ***8417*** | ***8453*** | 8482 10 90 | ***8543*** | |
| 7318 15 69 | ***8204*** | ***8418*** | ***8456*** | 8482 80 00 | ***8544*** | |
| 7315 89 00 | ***8205*** | ***8419*** | ***8457*** | 8483 40 90 | 9005 90 00 | |

([1]) ***(minbarra 7310 21).***
([2]) ***(minbarra 8208 40 00).***
([3]) ***(minbarra 8423 10 10).***
([4]) ***(minbarra 8424 81 10).***

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT